**Il-Kummissjoni Ewropea**

**L-Eurostat**

Pubblikazzjoni ta’ post vakanti għall-kariga ta’ Direttur għall-Istatistika tal-Finanzi tal-Gvern (AD14)

(il-Lussemburgu)

(l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)

COM/2023/10432

**Min aħna**

Il-Eurostat huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-missjoni tiegħu hija li jipprovdi statistika u data ta’ kwalità għolja dwar l-Ewropa li jintużaw mill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-Istati Membri, mis-swieq finanzjarji, mill-komunità tan-negozju, miċ-ċittadini, ir-riċerkaturi u l-midja biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Il-Eurostat huwa responsabbli mill-koordinazzjoni u mit-tisħiħ tal-governanza tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS - European Statistical System) bil-għan li jipprovdi aċċess faċli għal statistika f’waqtha, affidabbli u komparabbli fil-livell tal-UE lill-utenti kollha. Hija r-responsabbiltà tiegħu li jipproponi l-leġiżlazzjoni statistika kollha tal-UE. Il-Eurostat jikkoopera wkoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-istatistika u jgħin lil pajjiżi barra mill-UE biex itejbu s-sistemi statistiċi tagħhom.

Id-Direttorat D “Statistika tal-Finanzi tal-Gvern (SFG)” jinkludi 3 unitajiet b’madwar 42 impjegat (permanenti u mhux permanenti) u għandu baġit operattiv ta’ madwar 0.5 miljun ewro. Huwa jipprovdi lill-Unjoni Ewropea b’informazzjoni statistika ta’ kwalità għolja dwar il-finanzi tal-gvern sabiex timmonitorja, timplimenta u tiżviluppa l-politiki ekonomiċi tal-Unjoni u, b’mod partikolari, l-implikazzjonijiet statistiċi tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir. Jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta’ standards statistiċi internazzjonali fl-SFG, metriċi u metodoloġiji ġodda, bini ta’ kapaċità statistika u kooperazzjoni bilaterali ma’ partijiet ikkonċernati esterni fl-oqsma tar-responsabbiltà tagħna.

L-Uffiċċji tal-Eurostat jinsabu fil-Lussemburgu.

**X’qegħdin nipproponu**

Il-pożizzjoni impenjattiva u ta’ profil għoli tad-Direttur tal-Istatistika dwar il-Finanzi tal-Gvern (SFG) fil-Eurostat tinkludi r-responsabbiltajiet ewlenin li ġejjin:

- It-tmexxija u l-ġestjoni strateġika fl-attivitajiet tad-Direttorat (monitoraġġ, implimentazzjoni u żvilupp ta’ statistika li tirfed il-politiki ekonomiċi tal-UE u, b’mod partikolari, l-implikazzjonijiet statistiċi tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir);
- L-iżvilupp, f’kooperazzjoni mal-Istati Membri, ta’ metodoloġiji u linji gwida li jiżguraw ir-reġistrazzjoni statistika korretta tal-miżuri ta’ politika eżistenti jew ġodda, inklużi l-flussi assoċjati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-implikazzjonijiet tal-miżuri tal-gvern meħuda b’rabta mal-kriżi tal-COVID-19, u l-miżuri ta’ politika li għandhom l-għan li jtaffu ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni li qed tiżdied wara l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;
- L-iżvilupp ta’ standards statistiċi fl-SFG fil-livell Ewropew u internazzjonali, metriċi u metodoloġiji ġodda, il-bini tal-kapaċità statistika;
- Żamma ta’ kuntatti regolari u skambji ta’ informazzjoni mal-Istituti tal-Istatistika Mazzjonali tal-Istati Membri u pajjiżi oħra li magħhom l-Eurostat għandu relazzjoni professjonali u teknika;
- Rappreżentanza tad-Direttorat Ġenerali f’avvenimenti esterni u interni rilevanti għad-Direttorat jew għad-Direttorat Ġenerali;
- Ġestjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji.

Id-Direttur/Direttriċi se j/taġixxi bħala Uffiċjal Awtorizzanti b’sottodelega f’konformità mar-regoli u mar-regolamenti finanzjarji tal-Kummissjoni.

**X’qegħdin infittxu (il-kriterji tal-għażla)**

Il-kandidati għandu jkollhom:

**Ħiliet fl-immaniġġjar**

- suċċess ippruvat f'kariga maniġerjali, li tinvolvi l-ġestjoni ta' riżorsi umani u finanzjarji;
- kapaċità eċċellenti li jmexxi u jimmotiva tim multinazzjonali kbir;
- abbiltà li jistabbilixxi prijoritajiet u objettivi b'mod effiċjenti, u li jalloka r-riżorsi skont dan;

**Ħiliet u esperjenza speċjalizzati**

- fehim tajjeb tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tal-użu tal-istatistika Ewropea kif ukoll tal-funzjonament tal-ESS;
- għarfien tajjeb tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni u l-politiki rilevanti tal-UE;
- sfond rilevanti u esperjenza ppruvata fl-istatistika makroekonomika u/jew fil-finanzi pubbliċi

**Kwalitajiet personali**

- ġudizzju sod, inkluż b'rabta ma' kwistjonijiet politikament sensittivi, u sens manifestat ta' inizjattiva biex jinnova, jipproponi u jimplimenta ideat ġodda;
- ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni, kif ukoll ħiliet interpersonali, ta' networking u ta' negozjar;
- ħiliet analitiċi eċċellenti u kapaċità li jsolvi problemi organizzattivi u operazzjonali permezz ta' approċċ orjentat lejn ir-riżultati.

**Kundizzjonijiet ta' ammissjoni (ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà)**

Il-kandidati jiġu kkunsidrati biss għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin, li jridu jiġu ssodisfati **sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet**:

- Ċittadinanza: il-kandidati jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

- Lawrja jew diploma tal-università: il-kandidati jrid ikollhom:

  - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma u ċċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew iktar;

  - inkella livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postgradwatorja meħtieġa hawn taħt).

- Esperjenza professjonali: il-kandidati jrid ikollhom tal-inqas 15-il sena esperjenza professjonali postgradwatorja [1] f'livell li l-kwalifiki msemmija hawn fuq jagħtu aċċess għalih.

- Esperjenza maniġerjali: trid tkun inkisbet tal-inqas 5 snin esperjenza professjonali postgradwatorja f'funzjoni maniġerjali ta' livell għoli[2].

- Lingwi: il-kandidati jrid ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[3] u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali. Matul l-intervista/i, il-bordijiet tal-għażla jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista, jew parti minnha, ssir f'din il-lingwa l-oħra.

---

1 L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun definita bħala ħidma reali u ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali mwettqa part-time għandhom jiġu kkalkulati pro rata fuq il-bażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat ta' xogħol full-time maħduma. Il-liv tal-maternità/tal-ġenituri/għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Il-PhDs huma assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, dment li l-PhD jkun inkiseb b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

2 Għas-snin kollha li matulhom tkun inkisbet l-esperjenza maniġerjali, il-kandidati għandhom jindikaw b'mod ċar fil-curriculum vitae tagħhom: (1) it-titolu u r-rwol tal-karigi maniġerjali li kellhom; (2) l-għadd ta' persunal taħt ir-responsabbiltà tagħhom f'dawn il-karigi; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri; u (5) l-għadd ta' kollegi fl-istess livell.

3 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01958R0001-20130701

- Età massima: il-kandidati ma jridux ikunu laħqu l-età regolari tal-irtirar, li għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 66 sena (ara l-Artikolu 52 lit (a) tar-Regolamenti tal-Persunal[4]).

**Għażla u ħatra**

L-għażla u l-ħatra jsiru skont il-proċeduri tal-għażla u tar-reklutaġġ tal-Kummissjoni Ewropea (ara: id-Dokument dwar il-Politika għall-Uffiċjali f'Karigi Għolja[5]).

Bħala parti mill-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi bord ta' preselezzjoni. Dan il-bord janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla imsemmija hawn fuq, u li jistgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-bord ta' preselezzjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-bord tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti ulterjuri mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ħatriet (Consultative Committee on Appointments, CCA) tal-Kummissjoni Ewropea. Is-CCA, filwaqt li jqis il-konklużjonijiet tal-bord tal-preselezzjoni, jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jkunu msejħa għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' evalwazzjoni tal-maniġment immexxi minn konsulenti tar-reklutaġġ esterni. Abbażi tar-riżultati tal-intervista u r-rapport taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, is-CCA jistabbilixxi lista preliminari tal-kandidati li jqis li jkunu xierqa biex jaqdu l-funzjoni.

Il-kandidati fuq il-lista preliminari tas-CCA jiġu intervistati mill-Membru/i rilevanti tal-Kummissjoni.

Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tieħu d-deċiżjoni dwar il-ħatra.

Il-kandidat magħżul irid ikun wettaq kull obbligu impost mil-liġi dwar is-servizz militari, jipproduċi r-referenzi adegwati dwar il-karattru tiegħu meħtieġa sabiex jaċċertaw l-idoneità tiegħu għat-twettiq ta' dmirijietu u għandu jkun fiżikament f'saħħtu biex iwettaq dmirijietu.

Il-kandidat magħżul għandu jkollu, jew ikun f'pożizzjoni li jikseb, ċertifikat validu ta' approvazzjoni tas-sigurtà mingħand l-awtorità tas-sigurtà nazzjonali tiegħu. Approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal hija deċiżjoni amministrattiva wara proċess ta' investigazzjoni tas-sigurtà mwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tas-sigurtà tal-individwu, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli tas-sigurtà, u li tiċċertifika li individwu jkun jista' jingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifikat. (Kun af li jista' jingħata bidu għall-proċedura meħtieġa biex tinkiseb approvazzjoni tas-sigurtà biss wara li ssir talba mill-impjegatur, u mhux mill-kandidat individwali).

Sakemm l-approvazzjoni tas-sigurtà personali ma tkunx għadha ngħatat mill-Istat Membru kkonċernat u l-proċedura ta' awtorizzazzjoni ma tkunx kompluta bl-informazzjoni legalment meħtieġa mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, il-kandidat ma jkunx jista' jaċċessa Informazzjoni Klassifikata tal-UE (EU Classified Information, EUCI) fil-livell ta' CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, u lanqas jattendi laqgħat li fihom tiġi diskussa tali EUCI.

**Opportunitajiet indaqs**

F'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem favur l-objettiv strateġiku li tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'kull livell tal-maniġment sa tmiem il-mandat attwali tagħha u tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs li tinkoraġġixxi applikazzjonijiet li jistgħu jikkontribwixxu lejn aktar diversità, ugwaljanza bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku ġenerali.

**Kundizzjonijiet tal-impjieg**

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal.

---

4 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140701
5 https://commission.europa.eu/jobs-european-commission/job-opportunities/managers-european-commission_mt#vacancies

Il-kandidat li jintgħażel jiġi reklutat bħala uffiċjal fil-grad AD14. Il-kandidat jiġi kklassifikat skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fil-pass 1 jew il-pass 2 f'dan il-grad.

Il-kandidat li jintgħażel għandu jinnota r-rekwiżit fir-Regolament tal-Persunal għall-persunal kollu ġdid li jwettaq perjodu ta' probazzjoni ta' disa' xhur b'suċċess.

Il-post tal-impjieg huwa l-Lussemburgu.

**Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi**

Qabel ma jibda jaqdi dmirijietu, il-kandidat li jintgħażel jintalab jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jiddikjara kull interess, li jista' jitqies bħala li jippreġudika l-indipendenza tiegħu.

**Informazzjoni importanti għall-kandidati**

Infakkru l-kandidati li x-xogħol tal-bordijiet tal-għażla huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom u lanqas ma jista' ħaddieħor jagħmel dan f'isimhom. Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

**Protezzjoni tad-*data* personali**

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6]. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

**Proċedura tal-applikazzjoni**

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tivverifika bir-reqqa jekk tissodisfax ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà ("Kundizzjonijiet essenzjali"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Min ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà jiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura:

https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/

Irid ikollok indirizz elettroniku validu. Dan jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jinżamm kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, jekk jogħġbok żomm lill-Kummissjoni Ewropea informata dwar kwalunkwe tibdil fl-indirizz elettroniku tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format PDF, preferibbilment fil-format tal-Europass CV[7] u timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa fl-interess tiegħek li tiżgura li l-applikazzjoni tiegħek tkun preċiża, dettaljata u veritiera.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, se tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tirċevix ittra ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok innota li mhuwiex possibbli li timmonitorja l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Tiġi kkuntattjat direttament mill-Kummissjoni Ewropea rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

---

6 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

7 Tista' ssib informazzjoni dwar kif toħloq is-CV tal-Europass tiegħek online fuq: https://europa.eu/europass/en/create-europass-cv

**L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati.** Jekk teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat email lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tlesti r-reġistrazzjoni online tiegħek fil-ħin. Nagħtuk parir biex ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, peress li jekk ikun hemm traffiku tal-internet qawwi jew xi problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek dan jista' jwassal biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek tintemm qabel ma tilħaq tlestiha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba tagħlaq id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, inti ma tkunx tista' ddaħħal iktar *data*. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

**Data tal-għeluq**

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija **13/06/2023, 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell**, u wara din id-data ma jkunx iktar possibbli li tirreġistra.